TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 193/15/F

**Louis Buttigieg**

**vs**

**Kenneth Camilleri eżerċenti l-kummerċ bl–isem ta' Mr. Lee**

Illum ta' Lulju, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 t'Ottubru, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, u mitejn ewro (€1,200), rappreżentanti xogħol ħażin ta' *waterproofing* illi l-intimat għamel fuq il-bejt tar-rikorrenti bil-konsegwenza li wara ftit żmien dan beda jitqaxxar.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta illi huwa kien qabbad lill-intimat sabiex jagħmillu xogħol ta' *waterproofing* fuq il-bejt billi jagħmel dan il-likwidu illi jgħaqqad u għalhekk jiġi *waterproof.*

L-intimat issottometta li dan sar minħabba *weathering* u li mhux it-tort tiegħu.

Illi wara li t-Tribunal, sema' wkoll ix-xhieda tal-Perit Johann Farrugia fejn spjega li x-xogħol sar ħażin u li xorta daħal l-ilma.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u wara li sema' x-xhieda tal-Perit Johann Farrugia, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' elf Ewro (€1,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888